



6.12.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiki u Monetarji

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni
(2017/2191(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Tibor Szanyi

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Artikolu 42 tat-TFUE jipprevedi li r-regoli tal-kompetizzjoni għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u l-kummerċ tagħhom biss sal-limitu determinat mill-Parlament u mill-Kunsill u waqt li jitqiesu l-oġettivi tal-politika agrikola komuni (PAK) stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE;
- B. billi l-Artikolu 39(1) tat-TFUE jistabbilixxi bħala wieħed mill-oġettivi tal-PAK l-iżgurar ta' livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola, b'mod partikolari billi jiżdied il-qligħ individwali tal-persuni li jaħdmu fl-agricoltura, jiġu stabilizzati s-swieq u tiġi żgurata d-disponibilità tal-provvisti;
- C. billi l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-istabilità tal-prezzijiet fis-suq intern bħala oġettiv;
- D. billi, minħabba l-karatteristiċi naturali u strutturali speċifiċi tal-biedja (iċ-ċikli ta' produzzjoni twal, produzzjoni frammentata, l-għadd ta' azjendi agrikoli żgħar u ta' sikwit bi dħul baxx, ir-reżiljenza baxxa għax-xokkijiet u għat-tibdiliet fis-suq minħabba l-volatilità tal-prezzijiet, in-nuqqas ta' elastiċità tad-domanda u n-natura tal-prodotti li jitħassru malajr u li twassal għal żbilanċi tal-fluss 'il fuq u/jew 'l isfel u għal setgħa ta' negozjar żgħira ħafna tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel vis-à-vis l-fornituri, il-proċessuri u l-katini ta' distribuzzjoni kbar fis-settur tal-bejgħ bl-imnut), il-leġiżlatur tal-UE sa mill-1962 dejjem iddefenda l-eżistenza ta' status speċjali għas-settur agrikolu fir-rigward tal-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni li ma tistax tiġi applikata għal dan is-settur bl-istess mod bħalma tiġi applikata għas-setturi l-oħra tal-attività ekonomika u billi din l-"eċċezzjoni agrikola" saret aktar rilevanti minn qatt qabel fil-kuntest ta' PAK orjentata lejn is-suq u ż-żieda fil-globalizzazzjoni tas-swieq agrikoli u għandha tiġi riflessa b'mod effettiv fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politika mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-derogi;
- E. billi ambjent regolatorju ċar u koerenti f'termini ta' adattament tal-politika tal-kompetizzjoni għall-karatteristiċi speċifiċi tas-suq agrikolu, f'konformità mal-Artikolu 42 tat-TFUE, jista' jgħin biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel billi jipprevjeni s-sovrakonċentrazzjoni tas-setgħa ekonomika u finanzjarja tal-operaturi, waqt li jindirizza l-iżbilanċ tas-setgħa fil-katina, iżid l-effiċjenza tas-suq (prezzijiet aktar baxxi, prodotti u servizzi ta' kwalità aħjar) u jiżgura ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi f'suq uniku li jiffunzjona kif suppost;
- F. billi l-Kummissjoni, bħala gwardjana tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu inqas stretti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE għall-ftehimiet, il-prattiki u l-koordinazzjoni, inklużi l-iskambji ta' informazzjoni ekonomika ewlenija, imwettqa mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP), l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (AOP), il-kooperattivi u l-konsorzji agrikoli bejn il-produtturi, speċjalment fir-rigward tal-oġettiv fundamentali li jiġu żgurati provvisti tal-ikel disponibbli u bi prezz raġonevoli f'konformità mal-Artikolu 39 tat-TFUE, biex b'hekk jittejjeb id-dħul tal-bdiewa u s-sehem tagħhom fil-

katina tal-valur;

- G. billi, minħabba l-perikli ekonomiċi fis-settur tal-biedja, fi żminijiet ta' kriżi, PAK orjentata lejn is-suq jeħtieġ li tagħti aktar eżenzjonijiet limitati fiż-żmien mir-regoli tal-kompetizzjoni;
- H. billi l-perikli għall-klima u għas-saħħa jistgħu jikkawżaw żbilanċi serji fis-suq u jkomplu jdgħajfu lill-produtturi primarji; billi tali avvenimenti jistgħu jeħtieġu rikonsiderazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni meta l-provvisti tal-ikel essenzjali jkunu f'riskju;
- I. billi d-deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Kawża Nru C-671/15 ("indivja") turi li l-produtturi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jeħtieġ ikollhom ċertezza legali waqt li jwettqu dmirijiethom, partikolarment f'settur ikkaratterizzat minn provvista frammentata ħafna li qed tiffaċċja domanda kkonċentrata u minn diffikultajiet biex jiġi kkontrollat it-tbassir tal-provvista u tad-domanda; billi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-produtturi u għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi hija ta' importanza ewlenija f'dak li jikkonċerna ċarezza u prevedibilità;
- J. billi t-Task Force għas-Swieq Agrikoli f'Novembru 2016 fasslet ġabra ta' proposti u rakkomandazzjonijiet biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, tirreżamina l-għodod kuntrattwali disponibbli għall-bdiewa, tiġġieled il-prattiki inġusti u tiċċara l-eżenzjonijiet agrikoli għal-liġi tal-kompetizzjoni; billi dawn ir-rakkomandazzjonijiet iridu jitqiesu meta jkunu applikabbli, peress li ntlagħu mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-partijiet interessati fil-katina tal-provvista, u għandhom jittieħdu miżuri xierqa bil-ħsieb li tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa, OP, AOP u forom oħrajn ta' kooperazzjoni bejn il-produtturi fis-settur agrikolu u fil-katina tal-provvista tal-ikel;
- K. billi l-komponent agrikolu tar-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (2016/0282B) (Omnibus) huwa pass importanti għall-PAK peress li fih proposti ambizzjużi magħmulin mill-Parlament li jistgħu joffru titjib importanti fil-politika tal-kompetizzjoni, speċjalment billi jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali (PKŻ) u billi jiġu ċċarati r-regoli tal-kompetizzjoni u r-regoli dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ekonomiċi u dwar l-eżenzjonijiet ġenerali u ta' kriżi għal-liġi tal-kompetizzjoni;
- L. billi l-Istudju li sar f'Ottubru 2016 dwar l-organizzazzjonijiet agrikoli interprofessjonali fl-UE ġibed l-attenzjoni lejn ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali fit-trażmissjoni tal-informazzjoni ekonomika u teknika lill-partijiet interessati fil-katina tal-produzzjoni; billi dan l-istudju juri li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jippermettu kondiviżjoni aħjar tar-riskju u tal-profit;
- M. billi fil-Linji Gwida għall-Għajjnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u fiż-żoni rurali tal-2014 sal-2020¹, il-Kummissjoni tirrikonoxxi n-natura speċjali tas-settur agrikolu u l-istruttura soċjali tiegħu u l-iskala tal-isfidi l-ġodda li qed jiffaċċja, bħas-

¹ Il-Linji Gwida għall-għajjnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u fiż-żoni rurali mill-2014 sal-2020, ĠU C-204/1, 1.7.2014.

sigurtà tal-ikel u l-kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi; billi din il-politika għalhekk jeħtieġ li tikkontribwixxi biex issaħħaħ il-vijabilità ekonomika tal-azjendi agrikoli u l-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-provvista tal-ikel, l-iżvilupp rurali u l-inklużjoni soċjali;

1. Jemmen li n-natura speċifika tas-settur agrikolu trid titqies fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li l-Artikolu 42 tat-TFUE jagħti status speċjali lis-settur agrikolu fir-rigward tal-liġi tal-kompetizzjoni, skont kif affermat fl-aħħar riforma tal-PAK bl-għoti ta' sensiela ta' derogi u eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101 tat-TFUE; jinnota li l-PAK għandha l-għan li tiżgura standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola fid-dawl tal-periklu ekonomiku u klimatiku kostanti; ifakkar li l-politika tal-kompetizzjoni prinċipalment tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi u ma tqisx biżżejjed l-interessi u d-diffikultajiet speċifiċi tal-produtturi agrikoli; jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni trid tiddefendi l-interessi tal-produtturi u l-konsumaturi agrikoli bl-istess mod billi tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni u għall-aċċess għas-suq intern ikunu ġusti sabiex jitrajmu l-investiment u l-innovazzjoni għall-impjeg, il-vijabilità tan-negozji agrikoli u l-iżvilupp bilanċjat taż-żoni rurali fl-UE filwaqt li tippromwovi t-trasparenza għall-parteċipanti fis-suq;
2. Jinsisti li l-kunċett ta' "prezz ġust" ma għandux jittqies bħala l-inqas prezz possibbli għall-konsumatur, iżda minflok għandu jkun raġonevoli u jippermetti r-remunerazzjoni ġusta ta' kull parti fil-katina tal-provvista tal-ikel;
3. Jirrikonoxxi l-pożizzjoni aktar dgħajfa tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u jqis li l-kriżijiet fis-settur agrikolu jistgħu jiggravaw dik il-pożizzjoni; jemmen li għandu jiġi garantit lill-bdiewa fis-setturi kollha tal-produzzjoni d-dritt li jinneogzjaw kollettivament, inkluż id-dritt li jaqblu dwar il-prezzijiet; jemmen li l-bdiewa għandhom jiġu mħeġġa jinvolvu ruħhom b'mod sħiħ u jkunu mgħammra b'mezzi sabiex jisfruttaw il-potenzjal tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, inklużi l-kooperattivi tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tagħhom u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lil tali għodod kollettivi ta' awtoassistenza jiżviluppaw il-kompetenzi u l-effiċjenzi tagħhom billi jiċċaraw u jissimplifikaw ir-regoli applikabbli għalihom bil-għan li jsaħħu l-kapaċità ta' negozjar tagħhom u l-kompetittività tagħhom, filwaqt li jħarsu l-prinċipji stipulati fl-Artikolu 39 tat-TFUE;
4. Iqis li l-attivitajiet kollettivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom (inklużi l-ippjanar tal-produzzjoni u n-negozjar tal-bejgħ u tat-termini tal-kuntratti) huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE u għandhom għalhekk jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, meta dawn l-attivitajiet konġunti jkunu eżerċitati ġenwinament, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-kompetittività tal-bdiewa; jinnota li ma ġiex sfruttat il-potenzjal sħiħ tad-derogi taħt ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (Regolament dwar l-OKS Unika) u li n-nuqqas ta' ċarezza ta' dawn id-derogi, id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tagħhom u n-nuqqas ta' applikazzjoni uniformi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tawx biżżejjed ċertezza legali lill-bdiewa u lill-organizzazzjonijiet tagħhom; jilqa' l-fatt li r-Regolament Omnibus se jissimplifika r-regoli dwar l-organizzazzjoni kollettiva tal-bdiewa u se jiċċara r-rwol u s-setgħat tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet ekonomiċi b'rabta mal-liġi tal-kompetizzjoni sabiex tissaħħaħ is-setgħa tan-negozjar tagħhom filwaqt li jitħarsu l-prinċipji stipulati fl-Artikolu 39 tat-

TFUE;

5. Jilqa' l-fatt li l-"Pakkett dwar il-Ħalib" tal-2012 wasal biex jiġi estiż fil-ħin skont ir-Regolament Omnibus, filwaqt li jitqiesu r-rieżamijiet inkoraġġanti tal-implimentazzjoni² u l-mod li bih qed jgħin biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fl-industrija tal-ħalib fil-katina tal-provvista tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, twettaq valutazzjoni tal-impatt biex tiddetermina jekk għandux jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar negozjati kuntrattwali dwar is-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib biex ikopri setturi agrikoli oħrajn, peress li l-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi b'hekk ikollhom aktar libertà biex jippjanaw il-produzzjoni, id-dritt għal negozjar kollettiv u n-negozjar għall-bejgħ u għat-termini tal-kuntratti li jstabbilixxu l-prezzijiet u l-volumi b'mod ċar;
6. Jitlob li tiġi prevista eżenzjoni awtomatika espressa mill-Artikolu 101 tat-TFUE, soġġetta għall-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità, li tippermetti lill-organizzazzjonijiet agrikoli interprofessjonali jwettqu l-kompiti assenjati lilhom mir-Regolament dwar l-OKS Unika bil-għan li jkomplu jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-TFUE;
7. Jipproponi li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jippermettu miżuri ta' regolamentazzjoni tal-provvista għall-ġobnijiet b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta (l-Artikolu 150), għall-perżut DOP jew IĠP (l-Artikolu 172) jew għall-inbejjed (l-Artikolu 167) jiġu estiżi biex ikopru l-prodotti b'tikketta ta' kwalità sabiex jiżdiedu l-possibilitajiet li titqabbel il-provvista mad-domanda;
8. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet individwali għar-regoli tal-kompetizzjoni abbażi tal-Artikolu 101(3) tat-TFUE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ftehimiet ta' sostenibilità li jsiru fil-katina tal-provvista tal-ikel peress li dawn jistgħu jiġu eżentati mil-liġi tal-kompetizzjoni jekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni u l-progress tal-promozzjoni waqt li jibbenefikaw lill-konsumatur u lis-soċjetà; jemmen li l-Kummissjoni għandha tivvaluta taħt liema kundizzjonijiet jista' jinholq aktar spazju fil-politika tal-kompetizzjoni għall-arranġamenti kollettivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, inklużi l-kooperattivi, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali tagħhom, li jsiru fil-katina tal-provvista tal-ikel bl-iskop tas-sostenibilità (pereżempju l-inizjattivi li jiffavorixxu l-bijodiversità, itejbu l-benesseri u/jew is-saħħa tal-annimali jew jiġġieldu kontra r-reżistenza antimikrobika);
9. Jilqa' l-fatt li r-Regolament Omnibus jstabbilixxi proċedura li permezz tagħha raggruppament ta' bdiewa jista' jitlob opinjoni mhux vinkolanti mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina jekk azzjoni kollettiva partikolari tkunx kompatibbli mal-eċċezzjoni ġenerali għar-regoli tal-kompetizzjoni skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (Ir-Regolament dwar l-OKS Unika); jistieden madankollu lill-Kummissjoni, fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tat-Task Force dwar is-Swieq Agrikoli, tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga ġenerali għall-agrikoltura sabiex tispeċifika l-eċċezzjoni b'tali mod li trendi non-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE, meta tkun prevista, inforzabbli u fattibbli;
10. Jirrimarka li f'perjodi ta' żbilanċi serji ħafna fis-suq, meta s-settur agrikolu jkun f'riskju u

² Rapporti dwar "L-iżvilupp tas-sitwazzjoni tas-suq tal-prodotti magħmula mill-ħalib u l-operat tad-dispożizzjonijiet tal-"Pakkett dwar il-Ħalib" (COM(2016)0724 and COM(2014)0354).

ċ-ċittadini kollha jiġu affettwati mill-ħsara potenzjali għall-provvisti tal-ikel essenzjali, PAK orjentata lejn is-suq jeħtieġ li ttiprovdi appoġġ lill-bdiewa u tagħti eżenzjonijiet addizzjonali, għal żmien limitat u ġustifikati b'mod sħiħ mir-regoli tal-kompetizzjoni; jilqa' l-fatt li, bħala riżultat tal-bidliet magħmulin permezz tar-Regolament Omnibus, se jkun aktar faċli li jiskattaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 222 tar-Regolament dwar l-OKS Unika, li jippermetti tali derogi temporanji mil-liġi tal-kompetizzjoni;

11. Jemmen li organizzazzjonijiet interprofessjonali "twal" li jlaqqgħu flimkien il-produtturi, il-proċessuri u d-distributuri għandhom jitħallew jorganizzaw laqgħat sabiex jiġu diskussi l-prevenzjoni tal-kriżi u l-miżuri ta' ġestjoni intiżi biex jiġu stabbiliti mill-ġdid il-kundizzjonijiet tas-suq u b'hekk ikun possibbli li jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 39 tat-TFUE;
12. Itenni l-ħtieġa għall-iżvilupp progressiv tal-PAK u tal-qafas tal-UE dwar il-kompetizzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet tal-agrikoltura, bil-għan li tiġi inkluża azzjoni regolatorja biex tiġi miġġielda l-inugwaljanza fil-katina tal-provvista tal-ikel u monitorjati l-evoluzzjonijiet fil-pożizzjoni tal-produtturi primarji u l-indikaturi tas-sistemi ta' Valutazzjoni tas-Sostenibilità tal-Ikel u l-Agrikoltura (SAFA) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), inklużi l-indikaturi taħt l-intestaturi tal-Ipprezzar Ġust u Kuntratti Trasparenti (S.2.1.1) u d-Drittijiet tal-Fornituri (S.2.2.1);
13. Jitlob li jiġi żviluppat ulterjorment l-Istrument Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Prezzijiet tal-Ikel biex titjeb l-identifikazzjoni tal-kriżijiet fis-settur agroalimentari permezz ta' data aħjar u aktar diżaggregata; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa jkunu involuti fid-definizzjoni u l-ġbir tad-data;
14. Jirrimarka r-rikonoxximent tal-Kummissjoni li l-produtturi agricoli jiffurmaw l-inqas livell konċentrat fil-katina tal-provvista tal-ikel waqt li l-fornituri u l-klijenti tal-input tagħhom huma ta' sikwit ħafna akbar u ħafna aktar konċentrati u dan jirriżulta f'relazzjoni żbilanċjata u fi Prattiki negattivi u inġusti min-naħa tal-katini ta' distribuzzjoni kbar, il-proċessuri u l-operaturi tal-bejgħ bl-imnut, li ma jistgħux jissolvew mill-politika tal-kompetizzjoni biss u għalhekk hija meħtieġa l-koerenza mal-politiki l-oħrajn; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod aktar ċar "pożizzjoni dominanti" u l-abbuż ta' tali pożizzjoni, filwaqt li jitqies il-grad ta' konċentrazzjoni u s-saħħa ta' negozjar tas-setturi tal-input, tal-ipproċessar u tal-bejgħ bl-imnut; jinnota, barra minn hekk, li r-Regolament Omnibus se jstabilixxi ċerti dispożizzjonijiet dwar id-dritt għall-kuntratti bil-miktub u għan-negozjar ta' termini kuntrattwali għall-kondiviżjoni tal-valur imtejba matul il-katina tal-provvista, biex jgħin jikkalma r-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati, jiġġieled il-prattiki kummerċjali żleali, jagħmel lill-bdiewa aktar reattivi għas-sinjali tas-suq, itejjeb ir-rapportar u t-trażmissjoni tal-prezzijiet u jiddirezzjona l-provvista b'mod aktar pront għad-domanda; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali jiżguraw li l-komoditajiet jiġu kklassifikati u pprezzati kif suppost u li l-abbużi u l-prattiki kummerċjali żleali li jaffettwaw lill-bdiewa jiġu monitorjati u indirizzati permezz ta' azzjonijiet vinkolanti u jiġu penalizzati; jemmen li l-iskemi nazzjonali eżistenti għandhom jiġu eżaminati biex tiġi determinata l-aqwa Prattika li għandha tiġi applikata;
15. Jirrikonoxxi li sa issa l-liġi tal-kompetizzjoni biex tindirizza Prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-ikel la ġiet applikata fil-livell Ewropew u lanqas fil-livell nazzjonali; jinnota

li ġew implimentati regoli nazzjonali speċifiċi f'dan ir-rigward iżda dawn ma kinux kompletament effettivi biex jindirizzaw il-problema endemika ta' Prattiki kummerċjali żleali u l-iżbilanċ tas-setgħa fil-katina tal-provvista tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika u tapprova mingħajr dewmien il-proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-prattiki kummerċjali żleali mħabbra, jipprovdi qafas legali amronizzat li jipproteġi aħjar lill-produtturi u lill-bdiewa mill-prattiki kummerċjali żleali u jiżgura konsolidazzjoni ulterjuri tas-suq intern;

16. Jirrimarka li l-Parlament diġà stieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali biex jirrispondu b'mod effikaċi għall-ansjetajiet li qed jinħolqu mill-impatt kombinat li l-konċentrazzjoni rapida tas-settur tad-distribuzzjoni fil-livell nazzjonali u l-alleanzi li qed jiġu fformati fost id-distributuri fuq skala kbira fil-livell Ewropew u internazzjonali qed ikollhom kemm fuq il-parti upstream tal-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll fuq id-distributuri u l-konsumaturi; jemmen li din il-bidla strutturali tqajjem tħassib dwar allinjamenti strateġiċi possibbli, tnaqqis fil-kompetizzjoni u kamp ta' applikazzjoni ridott għall-investment fl-innovazzjoni fil-katina tal-provvista tal-ikel;
17. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Istituzzjonijiet tal-UE jipprijoritizzaw it-tiżni tas-suq uniku wara l-Brexit billi jiżguraw konformità sħiħa mal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-UE u d-derogi tagħha, kif ukoll standards oħra, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri;
18. Jinnotta li l-limitu massimu individwali għall-għajjnuna *de minimis* fis-settur agrikolu ġie rduppjat fl-2013 (minn EUR 7 500 għal EUR 15 000) sabiex tiġi indirizzata ż-żieda fil-kriżijiet ekonomiċi, tas-saħħa u kkawżati mill-klima; jirrimarka li l-limitu massimu nazzjonali *de minimis* dak iż-żmien ġie aġġustat biss marġinalment (minn 0.75 % għal 1 % tal-valur tal-produzzjoni nazzjonali agrikola) u b'hekk tnaqqset il-libertà tal-Istati Membri biex jgħinu lill-azjendi agrikoli li jkunu f'diffikultà; jitlob għalhekk li l-limitu massimu nazzjonali *de minimis* jiżdied għal 1.25 % tal-produzzjoni nazzjonali agrikola biex itaffi s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli tal-bdiewa; jinnotta li regoli koerenti dwar għajjnuna *de minimis* għandhom iservu biex tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa mingħajr l-involviment tar-rinazzjonalizzazzjoni tal-politika agrikola;
19. Jenfasizza l-importanza tal-fondi mmirati biex jippermettu aċċess għal netwerks tal-broadband b'veloċità għolja sabiex jinżamm il-pass mal-avvanz teknoloġiku u tingħata spinta lill-kompetizzjoni, speċjalment fiż-żoni rurali u remoti;
20. Jenfasizza li l-ftuħ tas-suq tal-UE għal sħab kummerċjali kompetittivi ħafna u esportaturi ewlenin tal-prodotti agrikoli soġġetti għal standards differenti varji jista' jikkostitwixxi riskju għall-aktar setturi sensitivi fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tqis bis-sħiħ l-effett tad-distorsjonijiet tas-suq li jistgħu jirriżultaw minn ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi fuq il-produtturi agrikoli fl-Ewropa, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja delikata tagħhom u r-rwol fundamentali tagħhom fis-soċjetà tagħna.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	4.12.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Daniel Buda, Jean-Paul Denanot, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Jan Huitema, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Maria Lidia Senra Rodríguez, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bas Belder, Jens Gieseke, Momchil Nekov, Annie Schreijer-Pierik, Thomas Waitz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

19	+
PPE	Daniel Buda, Albert Deß, Norbert Erdős, Jens Gieseke, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Annie Schreijer-Pierik, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Jean-Paul Denanot, Momchil Nekov, Maria Noichl, Tibor Szanyi, Marc Tarabella
ECR	Bas Belder, Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk
ENF	Philippe Loiseau

3	-
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez
EFDD	John Stuart Agnew

3	0
ALDE	Jan Huitema, Ulrike Müller
Verts/ALE	Thomas Waitz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni